# Il-Ministru Moran jinawgura ċ-Ċentru għat-Trasfużjoni tad-Demm

•GWARDAMANGA, it-Tlieta. — Is-servizzi tas-saħħa għall-poplu Malti komplew jikbru meta llum il-Ministru tas-Saħħa t-Tabib Censu Moran fetaħ uffiċjalment iċ-Ċentru Nazzjonali għat-Trasfużjoni tad-Demm. Dan iċ-ċentru se jieħu ħsieb iqassam u jeżamina d-demm. Iċ-ċentru huwa marbut ma' l-Isptar San Luqa.

Il-Ministru Moran qal li ċ-Ċentru mhux se jkun f'kompetizzjoni mal-Bank tad-Demm li hemm fil-Furjana, iżda ż-żewġ ċentri se jaħdmu flimkien biex il-poplu jingħata l-aħjar servizz mediku.



Il-Ministru Moran jiftaħ iċ-ċentru. Tidher ukoll is-Sinjura Moran.

Il-Bank tad-Demm fil-Furjana, kompla Dr Moran, li twaqqaf snin ilu bejn il-Kavallieri ta' San Ġwann u l-kleru tal-Kattidral ta' l-Imdina, laħaq l-iskop tiegħu. Il-Ministru hawnhekk irringrazzja lid-Direttur tal-Bank għax-xogħol tiegħu li għamel biex b'hekk id-demm ma jkunx skars f'pajjiżna.

Dr Moran kompla jgħid li l-ħtieġa ta' l-għoti tad-demm ilha tinħass u fis-sebgħinijiet kien diġà jeżisti d-Dipartiment għat-Trasfużjoni tad-Demm fl-Isptar li kien adegwat għal dak iż-żmien. Bid-domanda għad-demm dejjem tikber, il-Gvern

•għal paġna 2

# Ċentru tat-Trasfużjoni tad-Demm fl-Isptar San Luqa

*minn paġna 1

**Soċjalista ħass il-bżonn li jitwaqqaf iċ-Ċentru Nazzjonali għat-Trasfużjoni tad-Demm li jkun marbut ma' l-Isptar San Luqa.**

Il-Ministru sostna li d-Direttur ta' dan iċ-Ċentru, Dr Albert Farrugia, għamel ħiltu kollha biex dan jitwaqqaf b'mod li jilqa' l-ħtiġiet tal-lum. Dr Moran qal li anke l-Għaqda Dinjija tas-Saħħa (WHO) uriet is-sodisfazzjon tagħha għall-mod kif qed jiġi trattat id-demm f'dan iċ-ċentru.

Dr Moran qal li l-poplu jista' jserraħ rasu li l-prodotti tad-demm li jgħaddu minn dan iċ-ċentru huma assolutament ħielsa minn kull mard. Meta tkellem dwar il-marda ta' l-AIDS, il-Ministru qal li min-ħabba li din il-marda tista' tittieħed permezz tad-demm, il-Gvern ħa l-miżuri kollha meħtieħa biex il-prodotti tad-demm jiġu eżaminati kemm qabel kif ukoll wara l-għoti tad-demm.

**Huwa kompla jgħid li hemm prodotti tad-demm li fil-preżent ma jistgħux jiġu prodotti lokalment u għalhekk qed jinġiebu biss minn ċerti pajjiżi barranin. Dawn il-prodotti qed jiġu eżaminati għat-tniġġiż ta' mard bl-aktar sistemi xjentifiċi moderni. Il-Ministru mbagħad appella biex aktar nies jitħajru jagħtu d-demm.**

Dr Moran iżża ħajr lis-sorijiet u l-Madre ta' l-Isptar San Luqa li taw id-dar fejn kienu joqogħdu u marru f'post ieħor biex b'hekk seta' jsir dan iċ-ċentru. Huwa rringrazzja wkoll lid-diretturi tal-kumpanija Farsons talli ħarġu flus għall-parti mit-tagħmir ta' dan iċ-ċentru.

Wara li temm id-diskors tiegħu, il-Ministru Moran kixef lapida ta' tifkira li ġiet imbierka mill-Kappillan ta' l-Isptar, Dun Onorat Spiteri.

Preżenti għaċ-ċerimonja ta' dal-għodu kien hemm fost oħrajn Dr Alfred Grech, it-Tabib Ewlieni ta' l-Isptar San Luqa; Dr John Cachia, Supretindent ta' l-istess sptar, u s-Sinjura Maggie Moran.